*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 425*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 53*
*Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.30pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku*<br>*Mr. Teddy Mizzi*<br>*Mr Hubert Saliba* |
| *Skużati:* | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*<br>*Dr. Marthese Portelli* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 424 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-40**

**2. Quarterly Financial Report: Ottubru – Diċembru 2010**

Dan ir-rapport finanzjarju kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Ir-rapport ġie diskuss u approvat unanimament.

**3. Quarterly Financial Report: Jannar – Marzu 2011**

Dan ir-rapport finanzjarju kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Ir-rapport ġie diskuss u approvat unanimament.

**4. Ittra ta' Direzzjoni 2010**

L-ittra ta' Direzzjoni 2010 kienet tqassmet lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar kull punt imsemmi fl-istess ittra mill-Uditur. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Uditur. Il-Kunsill approva t-tweġiba għal din l-ittra u għalhekk se tintbgħat lid-Direttur Għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Uditur.

**5. Kiosks tal-Festa**

Nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2011 saret laqgħa mas-sidien tal-Kiosks tal-festa. Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti s-Sindku, l-Kunsillier Hubert Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv minn naħa

tal-Kunsill filwaqt li minn naħa tas-sidien tal-Kiosks preżenti kien hawn Maria Vella, Sharon Vella, Philomena Camenzuli, Joseph Zammit, Joseph Vella, Michael Vella, Joseph Portelli, Charmaine Fava, Kevin Grech, Peter Paul Sammut, Noel Mercieca u Michael Meilaq.

Kevin Grech f'isem is-sidien staqsa x'inhi l-problema u għalfejn mhux se jarmaw fejn kienu s-sena l-oħra, jiġifieri fi Triq Arc. Ciantar, Triq San Bert u Triq il-Ħelsien. Is-Sindku spjegat li l-Għaqda tal-Armar u anke residenti ta' dawn it-toroq ilmentaw dwar il-kiosks tal-festa. L-Għaqda tal-Armar (li kienu mistiedna biex jattendu għal din il-laqgħa iżda ebda rappreżentant ma kien preżenti) infurmaw lill-Kunsill verbalment u permezz ta' korrispondenza li huma ser ikollhom l-armar ġdid f'dawn it-toroq li jikkonsisti minn sett ta' bandalori ġodda u għalhekk biż-żjut u dħaħen kienet ser issir ħafna ħsara. Il-bandalori jinvolvu ħafna spejjeż u xogħol biex isiru. Barra minn hekk il-Kunsill irċieva diversi lmenti minn għand ir-residenti b'mod partikulari ta' Triq Arc. Ciantar. Dawn kienu r-raġunijiet għalfejn il-Kunsill kellu jsib post ieħor fejn jarmaw il-kiosks tal-festa.

Il-Kunsill kellu jsib post li jkun jakkomoda lil kulħadd u għalhekk ġie deċiż li Triq Ġużè' D'Amato hija l-aktar triq qrib il-pjazza fejn ma hemmx problema ta' armar u anke hemm parti kbira mhix mibnija u għalhekk m'għandux ikun hemm problemi ma' residenti. Ma kienx possibbli li Triq Arc. Ciantar tiġi allokata għall-kiosks tal-festa għar-raġuni li m'hemmx spazju biżżejjed biex joqogħdu l-kiosks kollha.

Is-sidien tal-kiosks ipproponew biex jarmaw fi Triq Rotunda. Il-Kunsill infurmahom li ma jsib ebda oġġezzjoni biex jarmaw f'dan il-post, iżda s-sidien tal-kiosks għandhom iġibu l-permess minn għand is-sidien u r-residenti ta' din it-triq peress li parti kbira minn din it-triq għadha privata. Sar qbil li s-sidien imorru jkellmu lir-residenti ta' Triq Rotunda. Il-laqgħa ntemmet f'dan il-ħin.

Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2011 saret laqgħa oħra mas-sidien tal-kiosks tal-festa. Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti s-Sindku, l-Kunsillier Hubert Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv minn naħa tal-Kunsill filwaqt li minn naħa tas-sidien tal-Kiosks preżenti kien hawn Maurice Pace, Kevin Grech, Brian Grech, Jason Attard, Charmaine Fava, Peter Paul Sammut, Roderick Vella, Philomena Camenzuli, Maria Vella, Peter Paul Vella, Louis Camenzuli, Joseph Portelli, Ignatious Farrugia u Michael Meilaq. Minkejja li kienu mitluba sabiex jattendu, ebda rappreżentant tal-Għaqda tal-Armar ma kien preżenti.

Kevin Grech f'isem is-sidien tal-kiosks informa lill-Kunsill li s-sidien ta' Triq Rotunda ma kienux aċċettaw li jarmaw f'dik it-triq. Ġew diskussi postijiet oħra fejn jistgħu jarmaw iżda kien hemm qbil li l-aħjar post huwa dak propost mill-Kunsill jiġifieri Triq Ġuże' D'Amato. Peress li dan huwa post ġdid fejn se jarmaw il-kiosks għall-ewwel darba, il-proċedura se tkun li s-sidien kollha interessati li jarmaw il-kiosk tagħhom għall-festa tax-Xewkija għandhom japplikaw mal-Kunsill skond l-avviż li diġa deher fil-gazzetta tal-gvern. Wara ser jittellgħu bil-polza. Il-Kunsill se javża bil-miktub lis-sidien meta jkunu ser jitilgħu l-poloz. Il-laqgħa ntemmet f'dan il-ħin.

Il-Kunsill reġa' iddiskuta dwar il-kiosks tal-festa waqt il-laqgħa llum. Il-Kunsill qabel li l-kiosks il-kbar (trakkijiet) għandhom jarmaw fi Triq Ġuże D'Amato fuq in-naħa tal-Mġarr filwaqt li l-kiosks iż-żgħar se jarmaw faċċata tagħhom jiġifieri n-naħa tal-pjazza. B'hekk it-triq ma tkunx imblukkata (għax jekk żewġ trakkijiet jitilgħu biex jarmaw faċċata ta' xulxien, it-triq mhix wisa' biżżejjed u għalhekk tiġi mblukkata). Il-Kunsill qabel li l-polza għandha ssir

nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju fil-5.30pm. Is-sidien li applikaw se jiġu nfurmati dwar dan. Il-Kunsill qabel li l-kiosks li jsiru mill-ħwienet tal-pjazza m'għandhomx ikunu akbar minn tmien piedi b'erba' piedi. Il-Kunsill qabel li minn dawn il-kiosks li jarmaw fil-pjazza m'għandux jisserva ikel. L-ikel irid jiġi ordnat u jisserva minn ġewwa l-istabiliment tagħhom. Dwar biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet, il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitpoġġew fuq il-bankini biss u mhux fuq it-triq u l-akbar spazju li jista' jintuża huwa ta' sitt metri b'erba' metri. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kiosks tal-festa jistgħu jarmaw fi Triq Arc Ciantar fil-jiem ta' qabel il-Ħamis 23 ta' Ġunju, cioe' meta jkun hemm il-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġwann Battista minn niċċa u attivitajiet oħra. Dawn jiġu approvati sakemm ikun hemm spazju biżżejjed. Jekk ikun hemm aktar kiosks li japplikaw biex jarmaw f'dawn il-ġranet milli jkun hemm spazju, dawn iridu jarmaw fi Triq Ġuże D'Amato kif propost.

## 6. Kwotazzjoni 2011-04 – dwar servizz ta' tindif tal-uffiċċju

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju għal ħabta tat-8.15am irċeviet telefonata minn għand is-Sur Gafa ta' Gafa Saveway Cleaners Ltd li fost ħafna diskors ta' theddid minħabba l-quotation għas-servizz tat-tindif maħruġa mill-Kunsill Lokali qalilha wkoll li kien se jieħu proċeduri legali konta l-Kunsill f'każ li l-Kunsill jagħti l-offerta lil min kien tefagħha anqas minnhu. Huwa beda jinsulentaha wkoll bil-politika. Is-Sindku għarfet lis-Sur Gafa li hu suppost jaf li huwa illegali li jikkomunika ma' xi membru tal-Kunsill inkluż is-Sindku dwar għoti ta' offerta speċjalment meta l-Kunsill kien għadu ma ħax deċiżjoni dwar l-aġġudikament tal-quotation in kwistjoni. Hawnhekk is-Sur Gafa żied bl-insulti u l-inġurji u għalhekk is-Sindku ma kellha l-ebda triq oħra ħlief li tittermina t-telefonata. Is-Sindku qalet li din il-komunikazzjoni damet madwar għoxrin minuta.

Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju saru l-intervisti maż-żewġ offerenti li tefgħu l-irħas kwotazzjoni u li huma Louise Pace u Jacqueline Refalo. Għall-intervista attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Waqt l-intervisti kemm Louise Pace kif ukoll Jacqueline Refalo ġew infurmati dwar ix-xogħol mitlub li jsir mill-Kunsill bħala servizz ta' tindif kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Librerija Pubblika. It-tnejn li huma għandhom esperjenza ta' xogħol simili u l-ħin biex isir ix-xogħol mhux problema għalihom. Huma ġew infurmati li l-għażla ta' min se jieħu dan ix-xogħol ser issir mill-Kunsill waqt il-laqgħa tiegħu li jmiss tas-27 ta' Mejju.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-għada li saru l-intervisti, jiġifieri l-Erbgħa 4 ta' Mejju, kienet ċemplet Louise Pace u qaltlu li għal raġunijiet personali mhux ser ikun possibbli li taċċetta dan ix-xogħol jekk hija kienet se tiġi magħżula. Hija talbet li l-applikazzjoni tagħha tiġi rtirata.

Il-Kunsill aċċetta t-talba ta' Louise Pace u għalhekk l-kwotazzjoni tagħha ġiet irtirata. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kwotazzjoni ta' Jacqueline Refalo għandha tiġi aċċettata u għalhekk se tiġi nfurmata biex tibda dan is-servizz minn Ġunju 2011.

## 7. Materja oħra

i. Laurie Farrugia ta' Qalb ta' Ġesu, Triq Indipendenza, ix-Xewkija talab sabiex jingħata l-materjal biex issir il-bankina tiegħu. Ix-xogħol se jagħmlu huwa stess. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandha ssir spezzjoni fuq il-post biex naraw eżatt fejn hi din il-bankina u wara tkun tista' tiġi approvata.

ii. Carmel Mizzi Cefai f'isem il-kumpanija Go nforma lill-Kunsill li ser isiru trinek spejjeż tagħhom biex jgħaddu s-servizzi tal-istess kumpanija minn taħt l-art. Dawn ser isiru fit-toroq li l-Kunsill qed jiksi mill-ġdid bit-tarmak. L-ewwel xogħol ser isir fi Triq Kraba, Triq is-Salib, Triq Sant'Indrija (parti) u Triq San Dumink. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan iżda mportanti li x-xogħol isir qabel jingħata t-tarmak fit-toroq imsemmija.

iii. Philip Azzopardi ta' 47 Triq il-Kbira talab li jingħata l-materjal biex jirranġa l-bankina peress li tinsab fi stat ħażin. Ix-xogħol se jagħmlu hu stess. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal li għandu bżonn.

iv. George Zammit ta' Triq tal-Ħamrija talab biex issir mera tat-traffiku fi Triq Widnet il-Baħar kantuniera ma' Vjal il-Labour. Il-Kunsill ma qabilx li għandha ssir mera tat-traffiku iżda għandna naplikaw ma' Transport Malta biex isir 'stop' u b'hekk minn ikun ħiereġ minn Vjal il-Labour lejn Triq Widnet il-Baħar għandu jieqaf.

v. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet ikkuntattjat lill-producer tal-programm Konfini mill-Pjazza li ser isir fuq One TV, Claudette Abela Baldacchino. Il-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar dan il-programm u li ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jiġbor sponsors u b'hekk is-somma ta' €1,000 mitluba biex jittella' dan il-programm mill-pjazza tax-Xewkija tiġi koperta mill-isponsors. B'hekk indirettament il-Kunsill ma jħallas xejn biex dan il-programm dwar ix-Xewkija jkun jista' jsir. Il-Kunsill qabel li l-programm għandu jsir.

vi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma' Dr Ray Xerri. Dr Ray Xerri qed jipproponi li jagħmel sett ta' kotba adattati għat-tfal tal-iskola primarja li jkunu dwar ix-Xewkija. B'hekk it-tfal tax-Xewkija minn ta' eta' żgħira, permezz ta' dawn il-kotba isiru jafu aktar dwar ir-raħal tagħhom. Dr Ray Xerri diġa għamel sett ta' kotba għal raħal ieħor f'Għawdex u għalhekk il-Kunsill seta' jara kif jistgħu jkunu dawn il-kotba. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk Dr Ray Xerri se jiġi nfurmat biex jibda jaħdem ħalli jinħareġ l-ewwel ktieb.

vii. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li niktbu ittra lill-Kunsill il-ġdid ta' Castelvenere li magħhom għandna l-ġemellaġ. Fil-fatt dan l-aħħar kien hemm l-elezzjonijiet u għalhekk issa hemm Sindku u Kunsill ġdid. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku għandha tagħmel messaġġ fejn tawgura lill-Kunsill l-ġdid biex fil-futur inkomplu naħdmu flimkien u b'hekk il-ġemellaġġ ta' bejn iż-żewġ lokalitajiet ikompli jissaħħaħ.

viii. Is-Sindku ppproponiet sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq San Ġwann faċċata ta' sqaq li hemm fl-istess triq li jiġi faċċata ta' Triq Widnet il-Baħar. F'din it-triq diġa hemm mera tat-traffiku iżda s-Sindku qalet li sarulha suġġerimenti biex teħel mera oħra li

tkun tħares lejn in-naħa l-oħra wkoll peress li Triq San Ġwann hija dejqa. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-approvazzjoni tat-Transport Malta biex din tkun tista' ssir.

ix. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-preparamenti meħtieġa biex jiġu organizzati l-korsijiet tas-sajf. Għalhekk ser isiru l-avviżi meħtieġa.

**8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Dr Joseph Bezzina nforma lill-Kunsilli Lokali dwar proġett li huwa maħsub li jsir bejn il-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex biex jitfakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. Huwa ppjanat li jsiru sett ta' għoxrin kartolina bil-kulur bl-armi tal-belt u lokalitajiet kollha. Biex dan ikun jista' jseħħ kull Kunsill Lokali huwa mitluba li jħallas €65. Il-Kunsilli kollha jingħataw sett ta' kartolini. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

ii. Fondazzjoni OASI qed tniedi l-Premju Żagħżugħ tas-Sena. Nominazzjonijiet għandhom isiru sal-Ġimgħa 2 ta' Settembru. Il-membri tal-Kunsill huma mħeġġa sabiex jinnominaw żgħażagħ mix-Xewkija għal dan il-premju skond il-kriterji stabilliti mill-Fondazzjoni OASI.

iii. Memo 44-2011 titratta dwar l-iskema speċjali Life-Long Learning. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw dwar din l-iskema speċjali.

iv. Id-Dipartiment Għas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex informa lill-Kunsill li hemm pendenti s-somma ta' €25,256 dwar xogħlijiet li saru mid-Dipartiment tal-Agrikoltura fl-2006. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas dan l-ammont peress li x-xogħol kien qed isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill (eks WSC) u mhux mid-Dipartiment imsemmi. Barra minn hekk id-Dipartiment tal-Agrikoltura kien naqas milli jieħu ħsieb il-funtani ta' Ġnien il-Ħaddiem bil-konsegwenza li dawn ġratilhom il-ħsara u ma baqgħux jiffunzjunaw. Ta' min isemmi wkoll li meta x-xogħol beda jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill, il-ġonna kollha kienu fi stat ħażin ħafna peress li d-Dipartiment tal-Agrikoltura ma kienx qed jagħmel ix-xogħol regolarment, bħal żbir ta' siġar, ħriet, hedge trimming u xogħlijiet oħra. Għalhekk m'huwiex ġustifikat li d-Dipartiment tal-Agrikoltura wara ħames snin jiġi jitlob li jitħallas ta' xogħol li ma kienx sar jew li ma sarx tajjeb.

v. L-Avukat tal-Kunsill, l-Av. Kevin Mompalao nforma lill-Kunsill dwar il-kawża li għandna mal-Vodafone, dwar l-antenna li riedu jinstallaw mal-fabbrika ta' Magro Bros. Vodafone m'għadhomx interessati li jwaħħlu din l-antenna u għalhekk l-Av. Mompalao qed jipproponi li din l-kawża għandha titwaqqaf u b'hekk kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. Huwa qal li jekk ma jsirx hekk u l-kawża titkompla, jista' jagħti l-każ li din nitilfuha għar-raġuni li kawżi simili li saru wara li għamilna tagħna kollha qed jintilfu, u għalhekk il-Kunsill jeħel aktar spejjeż. Il-Kunsill qabel li la darba l-Vodafone irtirat l-interess tagħha biex tinstalla l-antenna, il-kawża għandha titwaqqaf. L-Av. Mompalao se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni u b'hekk ikun jista' jipproċedi biex il-kawża titwaqqaf.

vi. Donatello Pisani ta' The Body Forge qed jitlob li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiddiskuti inizjattivi favur aktar eżerċizzji mir-residenti ta' kull raħal. Huwa qed joffri rati speċjali biex aktar residenti jitħajru jagħmlu aktar eżerċizzji fiżiċi. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħa ma' Donatello Pisani.

vii. Joseph Borg f'isem FXB Furniture qed jitlob sabiex Triq it-Taflija tingħata kisja tarmak peress li tinsab fi stat ħażin. Fl-email tiegħu li kienet indirizzata lill-Ministeru Għal Għawdex, huwa ġibed l-attenzjoni għal fatt li meta jkun qed isir il-proġett ta' Triq Mgarr, ħafna mit-traffiku se jgħaddi minn din it-triq u għalhekk importanti li ssir. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nitolbu lill-MIP biex din it-triq tingħata kisja tarmak peress li din taqa' taħt ir-responsabilta' tagħhom. F'email oħra Maria Zammit Micallef mill-MaltaEnterprise qalet li din it-triq m'hiex responsabilta tal-MIP. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu kopja tal-mappa li hemm mal-liġi tal-Kunsilli Lokali li tindika b'mod ċar li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta tal-MIP u mhux tal-Kunsill Lokali. Għalhekk ix-xogħol ta' manutenzjoni jew asfaltar mill-ġdid irid isir minn naħa tagħhom. Fil-fatt il-Kunsill, minn kemm ilu mwaqqaf qatt ma għamel xogħol ta' manutenzjoni jew tindif f'din it-triq peress li dejjem sar mill-MIP jew mill-Ministeru Għal Għawdex. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nitolbu lill-MIP biex il-parti ta' Triq Jean De La Vallette li hija quddiem il-fabbriki tingħata kisja tarmak ukoll peress li tinsab fi stat ħażin. Il-parti l-oħra li hija residenzjali u għalhekk responsabilta tal-Kunsill Lokali, ser issir minn naħa tal-Kunsill taħt l-iskema PPP.

viii. M'Angelo Camilleri nforma lill-Kunsill li l-ktieb Ġabra ta' Proża u Folklor issa kien ipprintjat. Huwa rringrazzja lill-Kunsill li kien aċċetta li jixtri tletin ktieb biex jitqassmu f'okkażjonijiet li jkollu l-Kunsill bħal f'Jum ix-Xewkija. M'Angelo Camilleri ssuġġerixxa li waqt l-attivita ta' Fiori D'Argenta jippreżenta l-kotba lis-Sindku. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-kotba se jiġu preżentati waqt l-attivita li ser issir il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju.

ix. Brian Cardona nforma lill-Kunsill dwar il-possibilta li jsir ġbir ta' ħwejjeġ (li ma jkunux għadhom jintużaw) u għalhekk minflokk jintremaw mal-iskart domestiku jiġborhom biex jiġu riċiklati. Huwa talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiddiskuti dwar din l-iskema.

x. Dr Angele Formosa kitbet f'isem Francis Pace ta' 5, Triq San Duminku, ix-Xewkija fejn talbet sabiex ix-xogħlijiet ta' asfaltar mill-ġdid tal-istess triq ma jsirux bejn Ġunju u Settembru għar-raġuni li Francis għandu Farm Houses li jikrihom u għalhekk peress li ser ikun għaddej ix-xogħol, dan jista' jtellfu mill-introjtu tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra iżda ma qabilx li għandu jitwaqqaf ix-xogħol. Dan ix-xogħol ma jistax isir wara Settembru peress li jkun ġej l-istaġun tax-xitwa u dan ix-xogħol mhux idejali li jsir f'dawk il-kundizzjonijiet ta' temp. Barra minn hekk il-Kunsill kiseb fondi mill-iskema speċjali magħrufa bħala PPP u jekk ix-xogħol jaqa' b'lura jista' jitlef nofs il-finanzjament tal-istess proġett. Il-Kunsill se jagħmel kull ma jista' u se jordna lill-kuntrattur konċernat biex meta jkun qed isir ix-xogħol ikun hemm inkonvenjent mill-anqas possibbli u biex ix-xogħol isir fl-aqsar żmien possibbli. Francis Pace se jiġi nfurmat dwar din id-deċiżjoni.

xi. Il-Mepa nfurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu dwar tisbiħ ta' Triq il-Manwala mhux se tiġi aċċettata għar-raġuni li fejn kien ser isir it-tisbiħ jinsab f'zona ODZ (Outside Development Zone). Il-Kunsill kien applika biex din il-parti li fil-preżent hemm ftit siġar tal-palm u ħafna ħaxix ħażin, titnaddaf, isir pavimentar, jeħlu ftit bankijiet u dwal dekorattiv. B'hekk ukoll jieqfu l-abbużi ta' tfigħ ta' skart li ta' spiss ikun hemm f'dawn l-inħawi. Sadanittant mid-Dipartiment tal-Artijiet, il-Kunsill irċieva li din l-art hija proprjeta tal-Gvern. Il-Kunsill kien talab din l-informazzjoni peress li kien hemm min qal li din hija proprjeta privata.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju, 2011 fil-5.00pm.

Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella<br>Sindku